Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Ivan Portelli)

vs

Stephen Schembri

Illum 8 ta' Marzu, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Stephen Schembri, iben Alfred u Judith nee' Busuttil, imwieled Pieta fid-29 ta' Gunju, 1980 detentur tal-karta tal-idenita Nru 371680(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' bejn is-16 ta' Settembru 2000 u l-25 ta' Settembru 2000, xjentement laqa

ghandu, xtara, indahal biex ibiegh jew mexxa hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' car amplifier (GT Q400), dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli rrenda ruhu recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datati 13/4/99, 15/6/99, 28/11/2000, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, dan bi ksur tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta 14 ta' Frar, 2002 waqt li kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana meta kien debitament assistit minn Avukat difensur l-imputat huwa hati tal-istess imputazzjonijiet u dana wara illi

l-Qorti rat l-Artikoli 334, 49 u 50 tal-Kap. 9. Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandux xi fedina penali allarmanti, kif ukoll illi huwa irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi r-refurtiva giet rekuperata mill-pulizija u giet fil-fatt mghoddija lil sidha u dana kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tal-14 ta' Frar, 2002.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut, imma li jkun ferm aktar opportun kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat fuq imsemmi jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 filwaqt illi tikkundanna lill-imputat ghall-prigunerija ta' seba' xhur, tordna li din il-prigunerija tkun sospiza ghall-tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 u in addizzjoni taghmel ordni ta' supervizzjoni li permezz taghha tqieghed

lill-hati taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-‘Probation’ Marianne Zammit ghall-perjodu ta’ tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tordna li din l-ordni ta’ supervizzjoni ghandha tinghata minnufih lill-imsemmija Marianne Zammit.

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi ghal din l-ordni ta’ supervizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur